Minuti tas-sitta u tletin (36) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita Tlieta 31 ta' Awissu 2010 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi Sindku: | Is-Sur Anthony Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permess ta' talba.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Peress li l-Minuti tal-laqgħat numru 34 u numbru 35 kienu ntbagħtu permezz ta' *email* mis-Segretarju Eżekuttiv dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Peress li ħadd ma talab għal xi korrezzjonijiet, dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. QARI TAL-MEMOS, ILMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 105/2010 – Ċekkijiet tal-*Energy Allowance*
3.1.2 Memo 106/2010 – Nuqqasijiet mill-Kunsilli Lokali
3.1.3 Memo 107/2010 – AL 374 tal-2010 : Regolamenti tal-2010 dwar *Allowance* lis-Sindki u lill-Kunsillieri Lokali
3.1.4 Memo 108/2010 – Taxxa u Kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali fuq l-*Allowance* lill-Kunsillieri
3.1.5 Memo 109/2010 – Użu tal-*Mobile Phones*
3.1.6 Memo 110/2010 – Sejħa għal Proġetti taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)
3.1.7 Memo 111/2010 – *Evening Classes*
3.1.8 Memo 112/2010 – Ratifikazzjoni ta' aktar artikli tal-*European Charter of Local Self Government*
3.1.9 Memo 113/2010 – Xogħolijiet f'48 triq f'47 lokalita'


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

3.1.10 Memo 114/2010 – Gwidi mill-MELP dwar żbir u qlugħ ta' siġar
3.1.11 Memo 115/2010 – Mistoqsija Parlamentari W93
3.1.12 Memo 116/2010 – Protokol Lokali u Reġjonali
3.1.13 Memo 117/2010 – *Reference Framework for Sustainable Cities*
3.1.14 Memo 118/2010 – Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 sena ħidma tal-kumpanija Vodafone
*3.1.15* Memo 119/2010 – *Green Challenge and Community Involvement Awards*

### 3.2 Ilmenti

a. Is-Segretarju Eżekuttiv qara ilment li rċieva mingħand Franny Borg rigward Triq l-Isptar San Ġiljan. Hi qiegħda tgħid li:
   - F'din it-triq hemm pelett u fuqu hemm xi ġebel. Is-Sindku qal li dan tneħħa.
   - Hemm karru taż-żwiemel fil-kantuniera ma Triq is-Sajjieda u dan qiegħed ikun ta' ostaklu għal kull min ikun nieżel minn Triq is-Sajjieda. Is-Sindku qal li ser jiċċekja jekk għandux *number plates* u jekk dan jistax jiġi pparkjat fit-triq. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li sa fejn jaf hu jekk dan għandu n-*number plates* għandu l-permess li jipparkja fit-triq. Jekk dan ma jistax, ġie maqbul li s-Segretarju Eżekuttiv ikellem lis-sidien sabiex ineħħih.
   - Fl-għaxijiet qiegħed ikun hemm klieb marbutin mal-ħajt u jagħmlu ħafna storbju u jħallu l-ħmieġ warajhom, u minkejja li jgħaddu l-*wardens* ma jittieħdu l-ebda passi.
   - Qiegħed isir xogħol ta' kostruzzjoni f'din it-triq u l-kuntratturi qiegħdin iħallu diversi trabijiet u ħmieġ warajhom. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex meta jagħti xi permess jinforma lill-kuntrattur sabiex inaddaf warajh.

   Is-Sindku qal li l-permessi sabiex tingħalaq Triq l-Isptar San Ġiljan bdew jinħarġu wara t-3:00pm sabiex il-coaches ikunu jistgħu jgħaddu għall-*Fontana Cottage Industry*, u ma jkunx hemm ilmenti minn naħa ta' Transport Malta.

b. Is-Segretarju Eżekuttiv qara lment li rċivejna mingħand id-Dama Marianne Zammit. Hi qiegħda tgħid li Sqaq Nru 1 fi Triq il-Għajn huwa sqaq privat u għaldaqstant s-Segretarjat ta' Dr. Chris Said ma jistax jagħmlu bit-*tarmac* kif kien hemm fuq it-Times of Malta tat-2 ta' Awissu 2010. Hi qiegħda tgħid li s-Sindku kien qalilha li kien ser jagħmel tabella biex il-Kunsill ikun jaf għal liema sqaq qiegħed jirreferi. Is-Sindku qal li fuq direttiva tal-Gvern Ċentrali xi snin ilu il-Kunsill kellu jagħti numru lil kull sqaq fil-lokalita'. Is-Sindku qal li dawk l-10 toroq fil-Fontana li qegħdin jidhru fuq il-gazzetti li ser isiru bit-*tarmac* huma t-toroq li d-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali talab lill-Kunsill biex isewwi, għalhekk din l-informazzjoni kienet żbaljata.. Is-


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Sindku qal li l-applikazzjoni li għamel il-Kunsill għall-iskema tal-*Public Privat Partnership* kienet kif approvat mill-Kunsill, cioe' għal Triq l-Isptar San Ġiljan u parting minn Triq il-Għajn.

### 3.3 Korrispondenza Prinċipali

a. Il-Kunsill ġie mitlub jagħti l-kunsens tiegħu sabiex l-istazzjon tar-radju tal-kommunita '*Sacro Cuor*' ikompli jxandar. Il-membri tal-Kunsill qablu max-xandir.

b. Irċivejna l-permess mingħand il-MEPA sabiex jinbena l-*footpath* li jgħaqqad il-*MultiPurpose* Room mal-*Playing Field.* Is-Sindku qal li l-Kunsill kien applika għal fondi taħt Memo 7/2010 – Skema dwar Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalita, sabiex il-Kunsill jingħata fondi biex jibni dan il-*footpath*.

c. Nhar l-1 ta' Settembru ser issir diskussjoni mill-bord tal-MEPA rigward *Application* PA/00121/09 - *To sanction variations to elevation from Permission PA 7083/07, namely design of balustrades and increase in height of balustrading by 17cm and to construct 2 garages for private cars*

d. Savio Sacco, mill-OS3, infurmana li l-website tal-Kunsill għandha xi problemi u l-*Online Enquiry Form* mhux taħdem kif suppost. Hu ssuġġerixxa li din titneħħa u minflok kull min jitlob xi nformazzjoni jkun irid jibgħat *email*. Il-membri tal-Kunsill qablu li joqogħdu fuq il-parir tas-Sur Sacco. Is-Sindku qal li u hu l-Kunsillier Cefai ħadu ħsieb biex ineħħu xi ritratti minn fuq il-website sabiex ikun hemm aktar spazzju.

e. Is-Sindku ġie mistieden għal *Press Conference* li ser issir nhar it-3 ta' Settembru 2010 fl-10.00am fil-*Playing Field* ta' Kerċem. Din il-Press Conference ser tvara l-iskema li ser tassisti attivitajiet sportivi għas-sena 2011.

f. L-Ingineer Galea bgħat *email* lil Ingineer tal-Enemalta fejn qalila li l-Kunsill m'għandux iħallas €300 *fee* biex il-Kunsill ikun jista jinstalla l-fanali fi Triq l-Isptar San Ġiljan għaliex il-fanali l-ġodda mhux ser jaqbżu l-wattage tal-fanali eżistenti.

g. Il-Kunsill ġie mistieden għal Jum l-Għarb nhar it-3 ta' Settembru.

h. L-ETC infurmawna li mit-30 t'Awissu ser jibda jaħdem Noel Xerri taħt l-Iskema tal-Kommunita.

i. Is-Sindku tal-Għasri stieden lis-Sindku għal-laqgħa ma' esperti Awstrijaċi rigward il-qasam solari. Din saret nhar l-20 ta' Awissu fl-10:00am ġewwa l-Kunsill tal-Għasri. Is-Sindku attenda għal-laqgħa fejn kien infurmat li kumpanija Awstijaka kienet lesta li tati sistema ta' pannelli fotovoltajiċi b'xejn lil kull residenza fil-lokalita jekk jiġi nstallati *wind turbines.* Is-Sindku qal li dawn il-*wind turbines* iridu jkunu 700 metru l-bogħod minn residenzi. Din il-kumpanija lesta wkoll tagħti pannelli fotovoltajiċi b'xejn lil dawk il-lokalitajiet li ma jkunux jistgħu jinstallaw il-*wind turbines* peress li ma jkollhomx fejn jekk il-Kunsilli jiddeċiedu li jinvestu fil-*wind turbines* bħala reġjun.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

j. Gejna mitluba nagħmlu n-nominazzjoni għall-premju anzjan tas-sena. Il-Kunsill ma għamel l-ebda nominazzjoni.
k. Press Release tal-Green MT bit-titlu *Eco Contribution Exemptions at Last*
l. *Email* mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġejna nfurmati li l-laqgħa tas-Sindki ġiet posposta għal nhar it-22 u 23 ta' Ottubru. Il-Viċi Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibbukjah.
m. *Email* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn infurmawna li l-Kunsill mhux obbligat li jagħmel manutenzjoni fuq toroq privati, għalhekk il-Kunsill qabel li ma jagħmilx manutenzjoni fuq Sqaq Nru 1 fi Triq il-Għajn.

Fis-6.00pm daħal fil-kamra is-Sur Joseph Muscat, il-kuntrattur li għamel ix-xogħolijiet ta' restawr fuq l-Għajn ta' Bendu. Hu lmenta li kien għadu ma rċievix il-ħlas tax-xogħol li kien għamel. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv bagħat diversi *emails* lil Perit Saliba sabiex joħroġ il-kont li x-xogħol sar skond il-*quotation* maħruġa mill-Kunsill, sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel il-pagament. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan. Il-Viċi Sindku ċempel lil Perit sabiex jerġa jfakkru biex jiċċertifika x-xogħol. Il-Viċi Sindku nforma lil Joseph Muscat li l-Perit ser jikkuntatjah. Il-membri tal-Kunsill qablu li meta jiġi ċċertifikat ix-xogħol il-Kunsill joħroġ il-pagament dovut mingħajr ma joqgħod jistenna l-laqgħa tal-Kunsill.

n. Il-Kunsill ġie mistieden għall-inawgurazzjoni tal-Ġnien il-Professur Ġuze' Aquilana fil-Munxar nhar it-2 ta' Settembru fis-7:00pm.

## 4. MATERJI OĦRA

4.1 Il-Kunsillier Horace Micallef informa lill-membri tal-Kunsill li l-*bollard* ta' Triq Wied Siekel qiegħda ġo għalqa fil-qrib. Ġie maqbul li s-Segretarju Eżekuttiv jinforma lill-Pulizija u li l-*bollard* terġa titpoġġa fejn kienet. Is-Sindku qal li għandu jinxtara katnazz biex din tingħalaq.
4.2 Ġie maqbul li tinxtara *notice board* sabiex teħel mall-uffiċċju tal-Kunsill.
4.3 Il-Kunsillier Horace Micallef ilmenta li l-*air condition* fl-uffiċċju tal-Kunsill ma twaħħalx fl-aħjar post peress li kellu jiġi mgħoddi *tranking* li kerrah il-kamra. Is-Sindku qal li l-*electrician* kien infurmah li l-*air condition* twaħħal fejn kien maħsub.
4.4 Il-Viċi Sindku qal li l-attivita sportiva li saret fil-bajja tax-Xlendi kienet suċċess.
4.5 Il-Kunsillier Horace Micallef ippropona li jinxtara *bin* apposta għas-sigaretti li jitpoġġa fejn is-Sala tal-Kommunita.
4.6 Is-Sindku ppropona li:
4.6.1 Issir ħarġa soċjo-kultruali Malta għan-Notte Bianca fil-25 ta' Settembru 2010 u oħra għal Kemmuna fil-15 ta' Settembru 2010. Il-membri tal-Kunsill qablu.
4.6.2 Titħassar il-kaxxa 'Reserved' minn quddiem l-uffiċċju l-qadim tal-Kunsill għax issa ma għadx baqa bżonna. Il-membri tal-Kunsill qablu.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

4.6.3 Tinxtara letter box ġdida għall-uffiċċju tal-Kunsill peress dik eżistenti ma fihiex sigurta biżżejjed. Il-membri tal-Kunsill qablu.

4.6.4 Is-Sindku qal li waslu l-fanali dekorattivi ta' Triq l-Isptar San Ġiljan. Dawn ser jitwaħħlu mill-ħaddiema tal-Kunsill. Hu qal li l-fanali ta' Triq il-Kappillan Hili u ta' Triq tal-Għajn kien waħħalhom Joe Mercieca flimkien ma Emmanuel Debono, ħaddiema tal-Kunsill. Hu ppropona li nikru *high-up* u li nixtru 11 *isolators* peress li l-Kunsill għandu tnejn li nistgħu nużawhom. Is-Sindku ssuġġerixxa li nqabbdu lil Chris Gauci, l-electrician tal-Kunsill, biex iwaħħal l-*isolators*. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li dawk jista' jwaħħalhom Joe Mercieca peress li ma jkunx hemm periklu għax ma jkunx hemm elettriku. Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar inqabbdu *electrician*. Is-Sindku qal li ser jitlob stima lil Chris Gauci. Il-Kunsill qabel.

4.7 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li:

4.7.1 Il-Kappillan kien ta' CD lill-Kunsill ta' l-Oratorju l-Qalb ta' Kristu li sar ħames snin ilu għax qatt ma konna ngħatajna. F'April li għadda wkoll ingħatajna CD dwar il-kuncert *Hola Gloraie* li kien imtellgħa flimkien mal-Kunsill f'Marzu li għadda.

4.7.2 Sar il-proċess tat-twaħħil tal-WiFi. Is-Sindku qal li mportanti li navżaw lin-nies li hemm servizz ta' WiFi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-MCA ser jipprovdu tabella.

4.7.3 L-applikazzjonijiet taħt Measure 313 li ssottometta l-Kunsill għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja ma ġewx aċċettati. Dawn kineu għat-tieni fażi ta' Wied Siekel u tarf Triq Għajn Tuta.

4.7.4 Il-Kunsillier Lorry Apap kien mar fuq il-Belvedere ta' Mulejja mal-Perit Angelo Portelli u kkonferma li x-xogħol li kien għamel il-kuntrattur Lorry Attard kien sew. Hu qal li l-grada tal-*culvert* tranġat ukoll. Is-Sindku qal li twaħħal katnazz mal-*gate* bħala sigurta' peress li għad ma hemmx taraġ.

4.7.5 Saret il-manutenzjoni tal-*floodlight* tal-Knisja.

4.7.6 Hu ltaqa ma' Pawlu Portelli, persuna li jagħmel xogħol ta' aluminium, fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex jara x'jista jsir minħabba l-bieb tal-uffiċċju peress li meta tkun ix-xita l-bieb tal-uffiċċju ma jkunx jista' jinfetaħ għax inkella tidħol ix-xita. Hu qal li Pawlu Portelli kien qallu li bieb *folding* tal-ħġieġ ma setax isir.

4.7.7 Għandna bżonn nixtru żewġ imgħażaq għax li kien hemm spiċċaw.

4.7.8 Il-pjanti ta' Wied Siekel baqgħu ma nqallgħux mis-Sur Shahpoor. Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa li nibgħatu ittra oħra, pero is-Sindku qal li s-Sur Shahpoor ma kienx qiegħed Għawdex.

4.7.9 Tkissret mera quddiem Triq Wied Siekel, kif ukoll tfarrak bank fejn l-Għajn ta' Bendu. Is-Sindku qal li rridu nagħmlu rapport lill-Pulizija.

4.7.10 F'laqgħa preċedenti kien ġie maqbul li jinbnew ħitan fil-Wied tax-Xlendi, bħala parti mir-rijabilitazzjoni tal-Wied, pero' tant hemm terrapin li ġieb ma wiċċ l-għalqa tant li ħitan ma baqgħux jeżistu u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jibnihom.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

4.7.11 Triq tinżabar l-ħarruba peress li hija ta' periklu pubbliku li hemm fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Għandna nitolba lid-Dipartiment tal-Agrikoltura x'inhi l-proċedura sabiex din tinżabar.

4.7.12 L-*embellishment* ta' Triq Għajn Tuta jrid isir sa l-aħħar tas-sena peress li l-Kunsill kien ingħata €6,000 fondi. Is-Sindku qal li niktbu ittra lill-kuntrattur li rebaħ l-offerta sabiex jibda x-xogħol lejn l-aħħar t'Ottubru. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jagħmel trinka taħt l-art sabiex l-Enemalta jgħaddu l-*cables* tad-dawl minn ġo fiha peress li hemm hu skedat kif ukoll minħabba l-fatt li fil-permess maħruġ mill-MEPA hemm speċifikat li ma jistax ikun hemm *overhead services*. Is-Sindku qal li jrid isir appuntament mal-Ingineer tal-Enemalta sabiex jiġu diskussi dawn il-punti dwar ix-xogħol.

4.7.13 Kienet saret laqgħa mal-GreenMT biex jiġi spjegat l-kuntratt li ġie iffirmat bejn iż-żewġ partijiet. Is-Sindku qal li sal-bidu ta' Settembru l-Kunsill ser jingħata pakketti tal-boroż griżi sabiex dawn jitqassmu fir-residenzi tal-lokalita. Huma kienu qalu li lesta jtellgħu stand f'Jum il-Fontana sabiex jagħtu aktar informazzjoni lir-residenti rigward is-separazzjoni tal-iskart. Il-GreenMT huma wkoll lesti li jagħtu lill-Kunsill *bins* apposta sabiex dawn jitwaħħlu fejn jiddeċiedi l-Kunsill. Dawn il-*bins* ser ikunu jistgħu jintużaw sabiex issir separazzjoni tal-iskart. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill jista joħroġ l-offerta tal-ġbir ta' skart domestiku u jitlob li l-offerta tkun kemm bil-ġurnata kif ukoll bil-ġimgħa (erbat'ijiem).

4.7.14 Konna nżilna fl-uffiċċju l-ġdid fil-*MultiPurpose Room* nhar il-Ħamis 19 t'Awissu 2010. Is-Sid tal-uffiċċju l-qadim u s-Segretarju Eżekuttiv kienu ħadu r-*readings* tad-dawl u tal-ilma u issa jrid jinqalbu l-*meters* minn fuq il-Kunsill għal fuq is-sid.

4.7.15 Is-Sindku attenda għall-ewwel laqgħa tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex li saret fil-Banca Giuratale, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria

4.7.16 Twaħħal il-*meter* mill-Enemalta tas-Sistema ta' Enerġija Alternattiva għall-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku, b'hekk bdiet tiġġenera madwar 12 il-unit enerġija alternattiva.

4.7.17 Intbagħtu l-kondoljanzi tal-Kunsill lill-familja tal-Eċċellenza tiegħu u Profs Guido de Marco, President Emeritus.

4.7.18 Saret ħarġa soċjo-kulturali f'Malta fl-okkażżjoni tan-Notte di San Lorenzo fil-Belt Vittoriosa (Birgu). Attendew 28 persuna, fosthom is-Sindku l-Kunsillier Micallef. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nqalgħet problema li ġew aktar residenti milli dawk ibbukjati u għaldaqstant kellha tinkera *taxi*. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill ma għandux jaċċetta nies wara li tkun għalqet id-data.

4.7.19 Ħarġet l-offerta għat-tiswija bil-*hot asphalt* f'diversi toroq, kisi mill-ġdid ta' Triq l-Isptar San Ġiljan u parti minn Triq il-Għajn bl-iskema tal-Public Private Partnership, kif ukoll replica tal-Għajn tal-Loġoġ fi Pjazza l-Għejjun.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

4.7.20 Saret l-attivita sportiva fil-Bajja tax-Xlendi mill-Kunsill bil-parteċipazzjoni tal-Munxar. Fos l-attivitajiet kien hemm Water Fun Park, Bouncing Castle u Canoeing.

4.7.21 Taħt Memo 15/2010 – Fondi speċjali għal lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali, il-Kunsill ma kienx irċieva fondi għall-manutenzjoni fuq *railing* li jinsab fi Triq il-Għajn, għall-manutenzjoni fuq iċ-Ċentru Ċiviku, għall-*part-time clerk*, għal Pjazza l-Għejjun, u għall-*Insurance*.

**5. MISTOQSIJIET**

5.1 Il-Kunsillier Horace Micallef innota li fi ftit ġimgħat fi Triq San Martin kien far id-drenaġġ darbtejn. Hu qal li darba minnhom id-drenaġġ kien baqa nieżel minn Triq Wied Siekel, u darba oħra kien daħal f'dar privata. Hu saqsa jekk hux possibli li l-Kunsill jikteb ittra lid-Dipartiment ikkonċernat sabiex jitlob spjegazzjoni tar-rimedji li ttieħdu sabiex din is-sitwazzjoni ma terġax tirrepeti fil-futur. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jibgħat din l-ittra.

5.2 Il-Kunsillier Horace Micallef qal li kien infurmat li fi Triq tal-Għajn, mill-Knisja l-isfel, qiegħed imur id-dawl ta' sikwit. Hu saqsa jekk għandux jaqsam max-xogħolijiet li qegħdin isiru fit-Triq tax-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat ittra lil Enemalta sabiex jitlob spjegazzjoni.

**6. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET**

Il-kontijiet mehmużin ma dawn il-Minuti ġew approvati mill-Membri tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li xi ġimgħat ilu l-Kunsill kien wera interess li japplika għall-skema maħruġa mill-EU u kien qabbad lil Galea Curmi Engineering biex jieħdu ħsieb jimlew l-applikazzjoni bħala pre-announcement biex il-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja u l-Playing Field jsir b'fanali li jixgħelu b'enerġija solari. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-MEUSAC li dawn ma jikkwalifikawx taħt din l-iskema. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-Knisja Parrokjali ma applikatx skond din l-iskema għal sistema ta' *photovoltaic*.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2010 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita'.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt